

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2018 – European Dynamics Luxembourg et vs ECHA**(Kawża T-477/15) <sup>(1)</sup>**(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċeduri ta’ sejħa għal offerti — Provvisti ta’ servizzi informatiċi għall-applikazzjonijiet tal-ECHA — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Kriterji ta’ għoti — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)**

(2018/C 104/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** European Dynamics Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu), European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju), Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE, (Ateni, il-Grèċja) (rappreżentanti: M. Sfyri, D. Papadopoulou u C. N. Dede, avukati)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: inizjalment E. Maurage, W. Broere u M. Heikkilä, sussegwentement W. Broere u M. Heikkilä, aġenti, assistiti minn J. Stuyck u A. M. Vandromme, avukati)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet, ikkomunikati lir-rikorrenti b'ittra tal-25 ta' Ġunju 2015, li permezz tagħhom l-ECHA ħadnet l-offerta tal-konsorzju European Dynamics għall-attribuzzjoni tal-Kuntratt ECHA/2014/86, dwar il-provvisti ta' servizzi informatiċi għall-applikazzjonijiet tal-ECHA, u tat dan il-kuntratt lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament soffrew.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) European Dynamics Luxembourg SA, European Dynamics Belgium SA u Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).

<sup>(1)</sup> ĠU C 363, 3.11.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2018 – Il-Grèċja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-506/15) <sup>(1)</sup>**(“FAEG u FAEŻR — Spejjeż esklużi mill-finanzjament — Spejjeż magħmula mill-Grèċja — Korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa — Skema ta' għajjnuna skont is-superfiċji — Kunċett ta' merġat permanenti — Kundizzjonijiet ta' impożizzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % — Komunikazzjoni prevista fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 — Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 — Kundizzjonalità — Stħarriġ tar-rekwiżiti leġiżlattivi fil-qasam ta' ġestjoni — Stħarriġ tal-kundizzjonijiet tajbin agrikoli u ambjentali — Obbligu ta' motivazzjoni — Tnaqqis ta' korrezzjoni annwali permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali”)**

(2018/C 104/35)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou, O. Tsirkinidou u A. Vasilopoulou, aġenti)